**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 14 ta' Ottubru 2021

Rikors Numru: 64/2017 AL

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ippremettiet:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar it-18 ta' Mejju 2001 fil-Kappella ta' Loreto fil-Gudja. Il-partijiet kellhom tlett itfal flimkien u cioe' E D li twieldet fit-12 ta' Ottubru 2000, F D li twieldet fid-29 ta' Jannar 2003, u G D li twieldet fis-16ta' Mejju 2005 u ghalhekk ghadhom kollha minorenni.*

2. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Smith La Rosa datat 16 ta' April 2010 u permezz ta' tali*

[1] Fol. 1 – 8.

*kuntratt gie regolat inter alia l-kura u l-kustodja, access u manteniment tal-imsemmija tfal (vide kuntratt hawn anness u mmarkat Dok. A). Fis-succint, il-partijiet qablu li l-kura u lkustodja tal-minuri kelha tkun fdata fiz-zewg genituri konguntivament u li l-minuri kellhom jirrisjedu mal-esponenti bi dritt ta' access favur l-intimat;*

3. *Illi fir-rigward ta' manteniment il-partijiet qablu li fi klawsola numru sebgha (7) tal-imsemmi kuntratt li minhabba l-fatt li f'dak iz-zmien l-intimat ma kellux impjieg, l-intimat obbliga ruhhu li jivversa lill-esponenti bhala manteniment ghall-ulied is-somma ta' ghoxrin Ewro (€20) ghal kull wild, kull xahar u cioe' s-somma komplessiva ta' sittin Ewro (€60) kull xahar;*

4. *Illi apparti minn hekk, fi klawsola numru tmienja (8) u disgha (9) l-intimat obbliga ruhhu li jhallas nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha rispettivament tal-minuri.*

5. *Illi fl-imsemmija klawsola numru sebgha (7), il-partijiet qablu illi f'kaz li l-intimat jibda jahdem f'impjieg fiss, kif fil-fatt ilu hekk impjegat sa mil-inqas minn Jannar tas-sena 2016 u dank if ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza, l-intimat kellu obbligu li jinforma lill-esponenti minnufih b'dan l-izvilupp – haga li naqas jaghmel – u wkoll huma kellhom jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jigi ffissat manteniment xieraq ghall-minuri li l-intimat ghandu jhallas lill-esponenti;*

6. *Illi di piu, il-kuntratt ta separazzjoni bejn il-partijiet gie iffirmat qabel l-emendi ta' l-Att Numru XIV.2011.2 li stabilixxa manteniment ghat-tfal meta dawn jkunu qeghdin jistudjaw fuq bazi full-time, u ghaldaqstant, ma hemm ebda klawsola fl-istess kuntratt li tindika x'ghandu jsir f'din l-eventwalita';*

7. *Illi matul il-medjazzjoni l-esponenti ottjeniet digriet pendente lite skond liem digriet l-intimat gie ordnat ihallas l-ammont ta' hames mitt Ewro (€500) kull erba' (4) gimghat lill-esponenti bhala manteniment ghall-minuri, oltre nofs l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni taghhom (vide Dok. B);*

8. *Illi minkejja d-digriet sureferit, l-esponenti rrifjuta li jasal ghal ftehim bonarju ai termini ta' l-istess digriet u ghalhekk l-esponenti kellha tipprocedi b'din l-istanza;*

9. *Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi bil-proceduri odjerni permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 7 ta' Marzu 2017 (vide Dok. C);*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *TILLIKWIDA manteniment xieraq u adegwat li l-intimat ghandu jhallas ghall-bzonnijiet tat-tfal E, F u G ahwa D;*

2. *TORDNA lil intimat ihallas il-manteniment hekk likwidat lil esponenti ghan-nom tat-tfal minuri kull erba' (4) gimghat oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni;*

3. *TORDNA li l-manteniment hekk likwidat ghandu jizdied kull sena skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja;*

4. *TORDNA li l-manteniment hekk likwidat jitkompla jithallas fl-eventwalita' li t-tfal ikomplu bl-istudji taghhom wara li jaghlqu l-eta ta' tmintax-il sena u dan ai termini ta' l-artikolu 3B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat illi l-konvenut ġie debitament notifikat bl-atti tal-kawza odjerna tramite l-Avukat tiegħu Dr Noel Bartolo u dan *seduta stante* fl-ewwel udjenza ta' nhar il-25 ta' Mejju 2017;[2]

Rat illi minkejja li l-konvenut kien debitament notifikat bl-atti tal-kawza, huwa ma weġibx permezz ta' risposta ġuramentata entro t-terminu stabbilit mil-liġi u b'hekk fl-udjenza tas-27 ta' Ġunju 2017 il-konvenut ġie ddikjarat li jinsab kontumaċi;[3]

---

[2] Fol. 25.
[3] Fol. 27.

Rat il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet li jinsab fl-Atti tan-Nutar Dr Joseph Smith La Rosa, datat 16 ta' April 2010;[4]

Rat l-ittra datata 8 ta' Novembru 2016, fejn l-attriċi talbet lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jappunta medjatur u dan ai termini tal-Artikolu 3(1)(a)(i) tal-Avviz Legali 397/2003;[5]

Rat id-digriet *pendente lite* datat 23 ta' Frar 2017 mogħti fl-Atti tal-Medjazzjoni tal-partijiet liema atti jġibu n-numru 1712/2016, fejn wara li l-Qorti rat ir-rikors tal-attriċi tas-6 ta' Frar 2017,[6] hija laqgħat it-talbiet kollha tagħha u ordnat lill-intimat iħallas is-somma ta' €500 kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment għall-minuri, oltre nofs l-ispejjez għas-saħħa u edukazzjoni tagħhom;[7]

Rat id-digriet tal-Qorti tas-7 ta' Marzu 2017, fejn il-proċeduri tal-medjazzjoni ġew iddikjarati magħluqa u l-partijiet ġew konsegwentament awtorizzati jipproċedu b'azzjoni legali;[8]

Rat l-affidavits tal-attriċi;[9]

Rat in-nota tal-attriċi tal-10 ta' Settembru 2020, fejn b'referenza għall-ewwel talba fir-rikors ġuramentat tagħha, hija tirrileva li tali talba għandha tkun limitata biss għall-aħwa E u F, aħwa D, u dan ad eskluzjoni tal-minuri G D, in vista tal-fatt li fil-kawza fl-ismijiet C D vs A B, bin-numru 221/2017 AL, permezz ta' test ġenetiku ġie stabbilit illi l-intimat C D ma huwiex il-missier bijoloġiku u naturali tal-imsemmija minuri;[10]

Rat il-verbali kollha, kif ukoll l-affidavits ipprezentati, ix-xhieda imresqa, u d-dokumenti ezebiti, liema ġew kollha mizmuma u mresqa quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji Dr Greta Mifsud Agius u Dr Maria Dolores Gauci;

Rat l-atti proċesswali kollha;

[4] Fol. 5.
[5] Fol. 19.
[6] Fol. 15.
[7] Fol. 17.
[8] Fol. 20.
[9] Fol. 102, 166.
[10] Fol. 162.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2021, il-Qorti akkordat zmien stipulat lill-partijiet sabiex jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom;[11]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[12]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[13]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Fil-qasir jingħad illi l-partijiet izzewġu nhar it-18 ta' Mejju 2001, minn liema zwieġ twieldu zewġt itfal, u ċjoe' E D li twieldet fit-12 ta' Ottubru 2000 u F D li twieldet nhar id-29 ta' Jannar 2003. Minħabba raġunijet saputi miz-zewġ partijiet, dawn tal-aħħar ma setgħux jibqgħu jgħixu flimkien bħala familja u b'hekk għaddew sabiex issepparaw bonarjament permezz ta' kuntratt li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Smith La Rosa, datat 16 ta' April 2010. Dan il-kuntratt jirregola mhux biss is-separazzjoni legali ta' bejn il-partijiet, izda jirregola ukoll l-effetti naxxenti minn tali zwieġ, inkluz: (i) ix-xoljiment, likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, (ii) il-kura, kustodja, aċċess u manteniment ta' uliedhom, u (iii) disposizzjonijiet oħra relevanti.

Permezz tar-rikors odjern intavolat minn Ae B nhar is-17 ta' Marzu 2017, tingħata retroxena ta' dak li seħħ permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni fir-rigward tal-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri – ċjoe' l-kura u kustodja tal-minuri ġiet fdata b'mod konġunt f'idejn iz-zewġ partijiet, izda ġie maqbul illi ser jirrisjedu mal-omm filwaqt li l-missier ikollu dritt għal aċċess regulat, u fid-dawl tal-fatt li l-minuri kienu ser jirrisjedu mal-omm, il-konvenut missier kellu l-obbligu li jivversa lill-attriċi s-somma ta' għoxrin Ewro (€20) fix-xahar għal kull wild, u dan stante illi l-konvenut dak iz-zmien kien jinsab mingħajr impjieg. Madanakollu fl-istess kuntratt ġie maqbul illi *"il-komparenti Ragel jobbliga ruhu illi fi zmien hamest ijiem minn meta jibda jahdem f'impjieg fiss, huwa jinforma minnufih, permezz ta' ittra registrata, lil komparenti Mara. Il-Partijiet jaqblu illi*

[11] Fol. 222.
[12] Fol. 223.
[13] Fol. 222.

*hekk kif il-komparenti Raġel jibda jahdem f'impjieg fiss, huma ghandhom jitolbu lil Qorti Civili (Sezzjoni Familja) sabiex tiffissa l-manteniment xieraq illi l-komparenti Ragel ghandu jhallas favur uliedu minuri".*[14] Madanakollu fir-rikors ġuramentat jiġi rilevat illi l-konvenut ilu impjegat, izda naqas milli jadempixxi ruħu mal-klawsoli tal-kuntratt. Għaldaqstant permezz tal-azzjoni odjerna, l-attriċi qiegħda *inter alia* titlob lil din il-Qorti sabiex tillikwida manteniment xieraq u adegwat għal minuri li l-konvenut għandu jħallas u dan oltre nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut, minkejja li ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat tal-attriċi, huwa pprezenta r-risposta ġuramentata tiegħu tardivament. Għaldaqstant din ir-risposta kellha tiġi sfilzata mill-atti u konsegwentamet ġie ddikjarat li jinsab fi stat ta' kontumelja. Il-konvenut ma ttentax jiġġustifika dan in-nuqqas lill-Qorti.

## 2. Il-Verzjoni tal-Attriċi:

Fl-affidavit tagħha,[15] l-attriċi tirrileva illi hi u l-konvenut izzewġu fit-18 ta' Mejju 2001, fejn flimkien kellhom tlett (3) itfal, u ċjoe' E, F u G, aħwa D. Madanakollu tkompli tikkontendi illi z-zwieġ in kwistjoni sfaxxa u nhar is-16 ta' April 2010 ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Smith La Rosa.

Fil-kuntratt surreferit, l-attriċi tgħid illi l-partijiet qablu li l-minuri kellhom jirrisjedu mal-attriċi, filwaqt li l-konvenut kellu d-dritt ta' aċċess. Tispjega ukoll li fiz-zmien meta l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni, il-konvenut kien ilu dizokkupat għal madwar sena u kien proprju għalhekk li klawsola numru sebgħa (7) tal-kuntratt tistipula illi fir-rigward ta' manteniment għall-ulied, il-konvenut kellu jħallas is-somma ta' għoxrin Ewro (€20) fix-xahar għal kull wild u dan apparti nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni. Madanakollu l-kuntratt jistipula ukoll illi f'kaz li l-konvenut jibda jaħdem f'impjieg fiss, il-partijiet kellhom l-obbligu li jitolbu lill-Qorti tal-Familja tistabbilixxi manteniment xieraq.

L-attriċi tallega illi wara li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni, il-konvenut kien qiegħed jaħdem mingħajr ktieb tax-xogħol. Konsegwentament

[14] Fol. 6.
[15] Fol. 102.

jidher li l-konvenut sab impjieg fiss, izda xorta waħda baqa' jagħti lill-attriċi manteniment skont kif stipulat fil-kuntratt in kwistjoni. L-attriċi tikkontendi illi ma setgħax jintlaħaq ftehim bejniethom rigward il-manteniment u għaldaqstant kienet kostretta illi tipproċedi bl-azzjoni odjerna. Fil-fatt matul il-medjazzjoni, il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex *pendente lite* jħallas il-mantaniment ta' €500 kull erba' (4) ġimgħat, u dan oltre nofs l-ispejjez tas-saħħa u l-edukazzjoni. Tispjega ukoll illi l-manteniment jitħallas direttament mill-introjtu tal-konvenut mal-Air Malta plc, madanakollu rigward l-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni, il-konvenut mhux qiegħed jonora l-obbligu tiegħu. Jingħad illi l-konvenut apparti l-impjieg tiegħu mal-Air Malta plc, jaħdem ukoll f'ħanut bl-isem ta' *'Ta' Dernis Snack Bar'* li jinsab f'Ħ'Attard, liema ħanut jiġi ġestit minnu u mis-sieħba tiegħu Marcella Galea. Sabiex tikkorrabora tali allegazzjoni, l-attriċi tipprezenta numru ta' ritratti minn fuq il-pjattaforma soċjali *Facebook*,[16] u kif ukoll FS3s tal-konvenut għas-sena 2015 u 2016.[17]

Fl-affidavit ulterjuri tagħha,[18] l-attriċi zzid illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri, il-konvenut fetaħ kawza kontra l-attriċi dwar il-paternita' tal-minuri, liema kawza ġġib in-numru 221/2017AL, fejn permezz ta' test ġenetiku rrizulta li waħda mill-minuri, u ċjoe' G D, m'hijiex il-wild bijoloġika u naturali tal-konvenut. Magħdud ma' dan, il-konvenut ipproċeda ukoll kontra l-attriċi permezz ta' kawza oħra sabiex jirkupra d-danni, liema kawza ġġib in-numru 1030/2018RGM. Fi kwalunkwe kaz, l-attriċi tikkontendi li l-konvenut qatt ma ħallas sehemu rigward l-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni, u għal tali fini, l-attriċi tipprezenta numru ta' rċevuti li jammontaw għas-somma komplessiva ta' €649.43.[19] L-attriċi tispjega ukoll illi fil-prezent E D u F D qegħdin jistudjaw fuq bazi *full-time* l-MCAST. Finalment l-attriċi tikkontendi li ġialadarba l-konvenut qatt ma ħallas sehemu mill-ispejjez tas-saħħa u l-edukazzjoni, ikun xieraq li fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' erba' mija u ħamsin Ewro (€450) kull xahar għaz-zewġt ulied, liema somma tkopri ukoll l-ispejjez relattivi.

### 3. Provi Mressqa mill-Attriċi:

Sabiex tikkorrabora l-verzjoni tagħha, l-attriċi tressaq bħala provi, fost oħrajn:

[16] Fol. 105 – 109.
[17] Fol. 110 – 111.
[18] Fol. 166.
[19] Fol. 172 – 192.

a. *Il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet* datat 16 ta' April 2010 li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Smith La Rosa;[20]

b. *Digriet pendente lite datat 23 ta' Frar 2017*, fejn il-konvenut ġie ordnat iħallas is-somma ta' ħames mitt Ewro (€500) għall-minuri kull erba' (4) ġimgħat, kif ukoll nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni;[21]

c. *Ix-xhieda ta' Joseph Saliba in rapprezentanza ta' Jobsplus*,[22] fejn ġie esebit l-*employment history* tal-partijiet, u ġie stabbilit illi l-konvenut ħadem/qiegħed jaħdem is-segwenti xogħolijiet: (i) ma' Saviour Mizzi fuq bazi *part-time* fil-perjodu bejn id-29 ta' April 2011 sat-18 ta' Mejju 2012, (ii) mal-Air Malta plc fuq bazi *part-time* mill-21 ta' Mejju 2012 sal-prezent, (iii) ma' Alf Mizzi & Sons fuq bazi *part-time* fil-perjodu bejn it-28 ta' Awwissu 2012 u s-16 ta' Ottubru 2012, u (iv) ma' John Borg fuq bazi *part-time* mill-1 a' Ottubru 2015 sal-prezent;[23]

d. *Ix-xhieda ta' Kenneth Aquilina in rapprezentanza ta' Air Malta plc*,[24] fejn ezebixxa: (i) payslip tal-konvenut għal perjodu bejn id-9 ta' Ottubru 2017 u t-22 ta' Ottubru 2017,[25] (ii) FS3 tas-sena 2016 fejn ġie dikjarat li l-konvenut kellu dħul gross annwali ta' €12,870,[26] (iii) *terms of employment* tal-kuntratt indefinit tal-konvenut, liema dokument huwa datat 11 ta' Jannar 2016,[27] (iv) *extension letter of contract,* datata 12 ta' Mejju 2015,[28] (v) *extension letter of contract*, datata 9 ta' Settembru 2015,[29] (vi) *payslips* għal perjodu bejn is-16 ta' Jannar 2017 u l-5 ta' Novembru 2017 li flimkien jammontaw għas-somma ta' €9,046.67,[30] u (vii) FS3s għas-sena 2012 bi dħul gross annwali ta' €7,367,[31] għas-sena 2013 bi dħul gross annwali ta' €16,882,[32] għas-sena 2014 bi dħul gross annwali ta' €15,706,[33] għas-sena

[20] Fol. 5.
[21] Fol. 17.
[22] Fol. 45.
[23] Fol. 47.
[24] Fol. 60, 65.
[25] Fol. 62.
[26] Fol. 63.
[27] Fol. 67.
[28] Fol. 68.
[29] Fol. 69.
[30] Fol. 70 – 90.
[31] Fol. 91.
[32] Fol. 92.
[33] Fol. 93, 94.

2015 bi dħul gross annwali ta' €11,895,[34] għas-sena 2016 bi dħul gross annwali ta' €12,870,[35] u għas-sena 2017 bi dħul gross annwali ta' €16,421;[36]

e. *Ix-xhieda ta' Steven Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta*,[37] fejn rrizulta illi fil-prezent il-konvenut għandu rreġistrat fuq ismu vettura waħda tat-tip Mazda bin-numru ta' reġistrazzjoni FCH-152,[38] filwaqt li fil-passat kellu rreġistrati fuq ismu ħdax-il (11) vettura;[39]

f. *Ix-xhieda ta' Alex Gusman in rapprezentanza ta' Air Malta plc*,[40] fejn ġew ipprezentati s-segwenti dokumenti: (i) *Addendum to contract* datat 10 ta' April 2018, fejn il-konvenut beda jaħdem fuq bazi *full-time* għal zmien indefinit,[41] (ii) ittra datata 24 ta' Mejju 2012 fejn il-konvenut ġie magħzul sabiex jaħdem mal-Air Malta plc fuq bazi *part-time* għal perjodu definit u ċjoe' sat-30 ta' Novembru 2012,[42] (iii) FS3 għas-sena 2018 bi dħul gross annwali ta' €26,440,[43] (iv) *payslip* għal perjodu bejn it-3 ta' ta' Diċembru 2018 u s-16 ta' Diċembru 2018,[44] (v) FS3 għas-sena 2019 bi dħul gross annwali ta' €24,127,[45] (vi) *payslip* għal perjodu bejn it-2 ta' Diċembru 2019 u l-15 ta' Diċembru 2019,[46] (vii) FS3 għas-sena 2020 bi dħul gross annwali ta' €23,372,[47] (viii) *payslip* għal perjodu bejn it-30 ta' Novembru 2020 u t-13 ta' Diċembru 2020.[48]

## 4. Il-Verzjoni tal-Konvenut:

Il-Qorti tinsab sprovvista mill-verzjoni tal-konvenut u dan stante li huwa pprezenta r-risposta tiegħu tardivament. Għaldaqstant, il-konvenut kien prekluz milli jipprovdi l-verzjoni tiegħu u lanqas iressaq dawk il-provi sabiex

[34] Fol. 95.
[35] Fol. 96.
[36] Fo. 97.
[37] Fol. 100.
[38] Fol. 118 – 119.
[39] Fol. 120 – 137.
[40] Fol. 206.
[41] Fol. 207.
[42] Fol. 208.
[43] Fol. 209.
[44] Fol. 211.
[45] Fol. 212.
[46] Fol. 214.
[47] Fol. 216.
[48] Fol. 218.

jikkontradixxu l-verzjoni tal-attriċi. Barra minn hekk, il-Qorti tosserva illi nonostante l-fatt illi l-konvenut ingħata l-fakolta' li jipprezenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub ai termini tal-Artikolu 158 subinċiz 10 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa għazel li dan ma jagħmlux.

## 5. Prinċipji Legali Saljenti għal Kaz Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għal-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal kaz odjern.

Fir-rigward ta' manteniment, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, li jistipulaw rispettivament:

*"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli lil-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħtl-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*

*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

*(3) L-obbligi msemmija fis-subartikolu (1) jorbtu wkoll lill-persuna li tkun qed taġixxi in loco parentis fir-rigward ta' wild ta'ħaddieħor, minħabba ż-żwieġ tagħha ma' ġenitur ta' dak il-wild, fejn il-ġenitur l-ieħor tal-istess wild, ikun, f'xi żmien qabel jew matul iż-żwieg, miet jew ġie iddikjarat bħala persuna assenti skontid-dispożizzjonijiet ta' Titolu VII tal-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi, jew ma jkunx magħruf:*

*Iżda dak provdut f'dan is-subartikolu jkun bla ħsara għall-obbligi tal-ġenituri naturali tal-wild u f'kull każ bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149"*;

*"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B".*

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' mizzewġin, separati jew *single-parents*, għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

Madanakollu f'dan il-kuntest, wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn <u>*manteniment ex contractu* u *mantentiment stabbilt ġudizzjarment*,</u> u dan fid-dawl tal-ġiurisprudenza l-aktar riċenti li qiegħda tagħmel tali distinzjoni. Tali distinzjoni qiegħda ssir in vista tal-fatt li fejn si tratta ftehim bonarju *per via* ta' kuntratt għandu jgħodd bi sħiħ il-prinċipju tal-<u>*pacta sunt servanda*</u>. Il-Qorti tara illi l-kwistjoni in dizamina hija marbuta ma' ftehim kontrattwali bejn il-partijiet, u għaldaqstant il-punto di partenza għandha tkun li dak pattwit f'kuntratt huwa vinkolanti bejn il-partijiet – ċjoe' huwa liġi għall-partijiet li addivjenew għal tali kuntratt, u b'hekk għandu japplika l-prinċipju legali *pacta sunt servanda*. Tali principju huwa inkorporat fil-ligi tagħna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta'liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi".*

Dan il-prinċipju huwa meqjus bħala l-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti li jirrikjedi li tiġi rispettata l-volonta' tal-kontraenti u kif ukoll il-vinkolu kontrattwali.[49] Fl-istess waqt għandu jingħad illi dak maqbul f'kuntratt ma jistgħax jiġi rizolt bis-sempliċi volonta' unilaterali ta' wieħed mill-kontraenti, fil-fatt il-liġi stess teziġi illi kuntratt jista' jiġi biss mħassar bil-kunsens tal-partijiet jew għal raġunijiet stipulati fil-liġi stess.[50]

Fil-kuntest ta' mateniment u d-duttrina legali tal-*pacta sunt servanda*, ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Alfred Grech vs Pauline Grech**,[51] fejn ġie ribadit illi: *"Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn."*

---

[49] **Grace Spiteri vs. Carmel sive Lino Camilleri et**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Mejju 2002.

[50] **Eric Schembri et nomine vs. Lewis Baldacchino,** u **Frank Salt Real Estate Limited vs. Edward Anthony Ellul Sullivan pro. et noe**, deċizi mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Novembru 1997 u t-8 ta' Jannar 2010, rispettivament.

[51] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' April 2004.

Fi kwalunkwe kaz u hekk kif ikkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Beatrice Sare' vs William Sare'**, [52] il-Qorti madanakollu għandha l-obbligu li tara ukoll jekk il-kuntratt ta' bejn il-partijiet jikkontemplax ċirkostanzi maqbula mill-partijiet infushom fejn il-manteniment pagabbli jista' jiġi varjat fil-futur, u fin-nuqqas ta' dan illi l-Qorti jkollha tgħaddi sabiex tezamina l-posizzjoni legali fir-rigward tat-talbiet għal varjazzjoni ta' manteniment pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fil-parametri ta' dak li ġie mgħallem mill-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg**.[53]

## 6. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:

Permezz tal-kawza odjerna, il-Qorti għandha quddiemha azzjoni fejn l-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tillikwida manteniment xieraq fiċ-ċirkostanzi u dan in vista tal-fatt li fil-prezent il-konvenut jinsab f'impjieg fiss, a kuntrarju ta' dak iz-zmien meta ġie konkluz u ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni tagħhom.

*In primis* il-Qorti ser tgħaddi sabiex tieħu in konsiderazzjoni tal-etajiet li għandhom fil-prezent E u F, aħwa D, u dan sabiex jiġi kkonfermat jekk it-talbiet kif dedotti għadx għandhom relevanza hekk kif mid-data tal-intavolar tal-kawza sal-ġurnata tal-ġudizzju ta' din il-Qorti jkunu għaddew erba' (4) snin. Mill-atti jirrizulta li E D twieldet nhar it-12 ta' Ottubru 2000 u llum għandha wieħed u għoxrin (21) sena, filwaqt li F D twieldet nhar id-29 ta' Jannar 2003 u llum għandha tmintax-il (18) sena, u b'hekk it-tnejn huma *ormai* maġġorenni. Madanakollu ai fini ta' manteniment, ċjoe' il-mertu in dizamina, il-Qorti tara li xorta waħda hemm lok li tidħol fil-mertu in kwistjoni u dan fid-dawl tal-Artikolu 3B subinċiz (2)(a) tal-Kodiċi Ċivili li jippermetti li l-manteniment jibqa' jitħallas f'kaz li l-wild in kwistjoni jkun għadu jistudja fuq bazi *full-time* u ma jkunx għadu leħaq l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena. Magħdud ma' dan, il-Qorti tikkjarifika li fil-konsiderazzjoni tagħha hija ser tieħu konjizzjoni biss tal-ulied E u F D, u dan in vista tan-nota tal-attriċi tal-10 ta' Settembru 2020 u kif ukoll tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħha.

Stabbilit il-premess, il-Qorti tara li l-*punto di partenza* huwa proprju l-fatt li l-kaz in kwistjoni jirrivolvi ma' ftehim tal-partijiet maqbul u ffirmat nhar is-16 ta' April 2010 u b'applikazzjoni tal-prinċipju legali tal-*pacta sunt servanda*, tali ftehim

[52] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-30 ta' Mejju 2005, mhux appellata.
[53] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Novembru 2012.

jista' jiġi mħassar biss bil-kunsens tal-partijiet infushom jew inkella għal raġunijiet magħrufa mil-liġi. F'dan il-kuntest, il-Qorti tevalwa illi fil-kuntratt oriġinali, klawsoli numri sebgħa (7), tmienja (8) u disgħa (9), jistipulaw:

*"7. Ir-Ragel qed jobbliga ruhu a favur il-Mara li taccetta illi jhallasha l-ammont ta' ghoxrin ewro (€20) fix-xahar pagabbli fl-ewwel gurnata ta' kull xahar, u dan bhala manteniment ghal kull wild minuri, u dan stante illi l-komparenti ragel bhalissa jinsab minghajr impjieg. <u>Il-komparenti Ragel jobbliga ruhu illi fi zmien hamest ijiem minn meta jibda jahdem f'impjieg fiss, huwa jinfroma minnufih, permezz ta' ittra registrata, lil komparenti Mara. Il-Partijiet jaqblu illi hekk kif il-komparenti Ragel jibda jahdem f'impjieg fiss, huma ghandhom jitolbu lil Qorti Civili (Sezzjoni Familja) sabiex tiffissa l-manteniment xieraq illi l-komparenti Ragel ghandu jhallas favur uliedu minuri</u>.*

*i. Il-partijiet jaqblu illi dan l-imsemmi manteniment jizdied kull (2) sentejn skond l-Indici tal-Gholi tal-Hajja mahruga mill-Ufficcju ta' l-Istatistika.*

*ii. Tali manteniment jieqaf meta l-minuri jaghlqu l-eta' ta' tmintax-il (18) sena u/jew meta dan jibdew jahdmu bi qliegh skond liema wahda minn dawn il-kundizzjonijiet tavvera ruhha l-ewwel.*

*8. Ir-Ragel qieghed jobbliga ruhu li jhallas nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni tal-minuri uliedu skond is-segwenti. Il-partijiet jiddikjaraw illi uliedhom minuri qeghdin jigu edukati fi skola tal-gvern, u ghalhekk b'xejn. Pero f'kaz ta' spejjes ta' uniformijiet, ezamijiet u kotba ir-Ragel jobbliga ruhhu illi jhallas lil Mara fi zmien gimgha mill-presentazzjoni tal-kopja ta' rcevuti relattivi. Fir-rigward ta' kull spiza ohra il-Mara obbligata titlob il-kunsens tar-Ragel qabel ma tkun saret l-ispiza. Wara li jighata il-kunsens ir-Ragel jobbliga ruhhu illi jhallas lill-Mara fi zmien gimgha mill-presentazzjoni tal-kopja ta' rcevuti relattivi.*

*9. Ghar-rigward spejjez medici, ir-Ragel jobbliga ruhu illi jhallas nofs l-ispejjez medici tal-minuri uliedu. Il-Mara tobbliga ruha taghti lir-Ragel kopja tar-ricevuti relttivi, u r-Ragel jobbliga ruhu illi fi zmien gimgha minn dan huwa jhallasha ta' dawn l-ispejjez"* (enfasi ta' din il-Qorti).

Għaldaqstant dan ifisser illi tramite klawsola numru sebgħa (7), din il-Qorti għandha s-setgħa li tvarja l-kuntratt in kwistjoni u dan f'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri, izda dan biss wara li tkun sodisfatta illi l-konvenut verament għandu mpjieg fiss. B'hekk il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa jekk it-talbiet tal-attriċi jimmeritawx li jiġu milqugħa fid-dawl tal-provi mresqa u dak li titlob il-liġi fejn si tratta l-minuri u l-benessere tagħhom.

Mill-provi mresqa, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju illi fil-prezent il-konvenut jinsab f'impjieg fiss u dan jingħad fid-dawl tad-dokument ipprezentat mir-rapprezentant tal-Air Malta plc, Alex Gusman, u ċjoe' l-*addendum to contract* datat 10 ta' April 2018, fejn ġie kkonfermat illi l-konvenut beda jaħdem fuq bazi *full-time* għal zmien indefinit.[54] Mill-atti jirrizulta ċar illi l-konvenut ilu jaħdem b'mod kostanti sa mis-sena 2011, u ċjoe' sena wara li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni. Skont it-termini stretti tal-kuntratt in kwistjoni, il-konvenut kellu l-obbligu li jinforma lill-attriċi bl-impjieg tiegħu permezz ta' ittra reġistrata entro ħamest' (5) ijiem minn meta beda jaħdem u konsegwentament fimkien mal-attriċi jitlob lill-Qorti tiffissa manteniment xieraq li huwa għandu jħallas għal uliedu.

Madanakollu mill-atti jirrizulta ċar illi l-konvenut ma tax kas ta' dak li huwa ntrabat bih fil-kuntratt ta' separazzjoni, u baqa' għaddej b'ħajtu mingħajr ma għaraf iġorr ir-responsabbilita' li jipprovdi manteniment xieraq għat-trobbija, saħħa u edukazzjoni ta' uliedu. Il-Qorti tiddeplora dan l-aġir, u tfakkar illi l-obbligu ta' ġenitur li jħallas manteniment ma huwiex dmir frivolu, izda huwa wieħed sanċit mil-liġi stess. Għaldaqstant, il-konvenut, bħal ġenituri oħrajn, għandu jerfa' bi sħiħ ir-responsabbilta' tiegħu bħala missier u dan indipendentament minn kwalsiasi ħaġa oħra. Il-messaġġ waħdini li din il-Qorti tkompli tgħaddi huwa li qabel ma wieħed jipprokreja l-ulied għandu jara li jkun f'pozizzjoni fizika, mentali u finanzjarja li jista' jieħu ħsieb l-istess ulied, u li jkollu d-diċenza jerfa' r-responsabbilita' li jġibu magħhom l-ulied. It-tfal ma humiex ġugarelli, fejn tista' tifrah bihom f'mument u twarrabhom sekonda wara. Fil-kaz odjern il-konvenut għazel li jaħrab mir-realta' u mir-responsabbiltajiet, madanankollu dan m'għandux ifisser illi għandu jibqa' jiġi ezonerat mill-obbligi tiegħu.

[54] Fol. 207.

Magħdud ma' dan, il-Qorti tara illi l-attriċi tiddikjara taħt ġurament illi E u F, aħwa D, għadhom qed jistudjaw fuq bazi *full-time* ġewwa l-MCAST. Fi kwalunkwe kaz, b'applikazzjoni ta' Artikolu 3B subinċiz (2)(a) tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti xorta għandha d-dmir li taċċerta ruħha li E u F jieħdu dak il-manteniment li huma bid-dritt intitolat għalih **f'kaz** li għadhom jistudjaw fuq bazi *full-time* ġialadarba għadu ma għalaqx l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena. Permezz tad-digriet datat 23 ta' Frar 2017, il-Qorti ordnat lill-konvenut iħallas is-somma ta' ħames mitt Ewro (€500) f'manteniment kull erba' (4) ġimgħat, u dan oltre nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni, Madanakollu, hekk kif rivelat fl-affidavit ulterjuri tal-attriċi,[55] fil-prezent l-attriċi qiegħda titħallas is-somma ta' tlett mija u tletin ewro (€330) u dan in vista ta' proċeduri ċivili oħra li hemm pendenti bejn il-partijiet.[56]

Is-somma minima mogħtija mill-Qorti fil-prezent hija dik ta' €200 kull xahar jew erba' ġimgħat. Barra minn hekk u flimkien mal-manteniment, il-Qorti tiddeċiedi ukoll dwar l-ispejjez reltati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-wild. F'kaz li ma jiġix ezebit prospett tal-ispejjez involuti u/jew meta l-introjtu ikun wieħed baziku, din il-Qorti normalment tagħti s-somma ta' €75 fix-xahar jew erba' (4) ġimgħat. Fil-kaz odjern, ġie ppruvat li l-attriċi taħdem bħala *crew member* fuq bazi *part-time* ma' Premier Restaurante Malta Ltd.[57] Min-naħa l-oħra, il-konvenut jinsab jaħdem fuq bazi *full-time* mal-Air Malta plc. Tenut kont taċ-ċirkostanzi u l-fatti odjerni, l-Qorti tinsab tal-fehma li s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull erba' (4) ġimgħat, liema somma tinkludi sehem il-konvenut għall-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni, għal kull wild, hija ġusta.

Għaldaqstant, f'kaz li E u F, aħwa D, għadhom qegħdin jistudjaw fuq bazi *full-time* u għadhom qed jirrisjedu ma' ommhom jew stabbilixxew residenza alternattiva għalihom infushom, b'applikazzjoni tal-Artikolu 3B subinċiz (2)(a) tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut għandu jħallas lil kull waħda minn uliedu s-somma ta' €275 bħala manteniment kull erbgħa (4) ġimgħat, liema somma tinkludi sehemu mill-ispejjez relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni, u dan f'każ li l-istess ulied ikunu qegħdin jistudjaw fuq bażi *full-time*, sal-eta' massima ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm jintemmu l-istudji tagħhom, skont liema waħda minnhom tavverra ruħha l-ewwel. F'kaz li l-ulied għadhom qed jirrisjedu ma' ommhom, il-manteniment għandu jitħallas lill-omm, izda jekk l-ulied jew min

[55] Fol. 167.
[56] Fol. 168.
[57] Fol. 53.

minnhom ikun stabbilixxa residenza għal rasu, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom. Magħdud ma' dan, il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut, u għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' limitatament l-ewwel u r-raba' talba u dan fir-rigward biss ta' E u F D, u tillikwida l-manteniment ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) għal kull wild, liema somma tinkludi l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tagħhom, u għandha titħallas biss f'kaz li l-imsemmija ulied għadhom qed jistudjaw fuq bazi *full-time* u dan sal-eta' massima ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm jintemmu l-istudji tagħhom, skont liema waħda minnhom tavverra ruħha l-ewwel;

2. Tilqa' it-tieni talba u tordna lill-konvenut C D sabiex iħallas il-manteniment hekk likwidat kull erba' (4) ġimgħat lil kull waħda mill-ulied, liema somma tinkludi sehem il-konvenut għall-ispejjez tas-saħħa u edukazzjoni, b'dan illi li l-konvenut irid iħallas is-somma komplessiva ta' ħames mija u ħamsin Ewro (€550) lill-attriċi f'kaz li l-ulied għadhom qed jistudjaw fuq bazi *full-time* u għadhom jirrisjedu magħha, jew iħallas is-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) direttament lil kull wild f'kaz li dawn għadhom jistudjaw fuq bazi *full-time* izda stabbillixxew residenza għal rashom, bil-fakolta' illi l-imsemmi manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut;

3. Tilqa' it-tielet talba u tordna li l-manteniment likwidat għandu jizdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

Bl-ispejjez għandhom jiġu sapportati kollha mill-konvenut.